L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
It-tnejn u tletin ħarġa: Novembru – Dicembru 2005

# (5) Xi Drawwiet Maltin tal-Milied

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Paġna 6: Il-ħarġa ta' 'L-Ospizio' tal-Milied kienet waħda speċjali u kien fiha sitt paġni minflok is-soltu erbgħa. Bla dubju, il-fuljett kien miżgħud b'artikli li jittrattaw dal-festi, fosthom 'Il-Paġna tal-Istudenti' miġbura minn Ms. Manolita Buttigieg. L-artikolett tiegħi 'Xi Drawwiet Maltin tal-Milied' kien deher proprju fl-aħħar paġna tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 32, Nov. – Diċ. 2005.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Milied, Għanjiet tal-Milied Maltin

Skont Joseph F. Grima[1], għalliem li jħobb ħafna l-istorja maltija, 'Ħafna mid-drawwiet Maltin li għandhom x'jaqsmu mal-Milied inġiebu minn pajjiżi barranin. Iżda jeżistu drawwiet oħra, li wħud minnhom bdew jinqatgħu, li huma t'oriġini Maltija jew li ilhom jeżistu magħna għal ħafna u ħafna snin'.[2]



Daqqaq taż-żaqq
(A Musical Legacy)

Fl-istess kitba, Grima jgħidilna wkoll li: 'Drawwa li nqatgħet f'pajjiżna hi d-daqq taż-żaqq. L-Għawdxin tal-antik igħidu li dawn id-daqqaqa kienu jdoqqu fil-quddiesa ta' nofs il-lejl fil-knejjes il-kbar, u b'hekk kienu joħolqu atmosfera verament pastorali. Kienu jdoqqu wkoll fit-toroq tal-irħula matul in-novena tal-Milied'.[3]

Fl-istess kitba ta' Grima naqraw ukoll li tradizzjoni ħafna iżjed antika hija l-ħami tal-qagħaq tal-għasel jew tal-qastanja. Dal-qagħaq jissemma f'taqbila antika Maltija li għadna nisimgħuha sal-ġurnata tal-lum u li tibda hekk: *"Ninu, Ninu, tal-Milied, / Ommi tagħmel il-qagħqiet; / Il-qagħqiet tal-qastanija ..."*



Patri Andrea Schembri, l-awtur ta' Ninni, la tibkix iżjed

Iżda bla dubju ta' xejn, l-aktar għanja magħrufa tal-Milied hi din: *"Ninni, la tibkix iżjed, / Ninni, Ġesu' Bambin ..."*

Grima jagħtina anki tagħrif dwar min kiteb dil-għanja tant popolari tal-Milied: 'Dil-għanja nkitbet mill-patri Ġiwita Indrì Schembri fl-1864 biex titkanta mill-emigranti Maltin fl-Afrika ta' Fuq'. Hu jkompli jgħarrafna li: 'Illum għandna ħafna għanjiet oħrajn tal-Milied, x'aktarx kantati fuq mużika ta' għanijiet oħra ta' pajjiżi barranin. Iżda l-kitba ta' Patri Schembri, għalkemm hi msejsa fuq l-għanja pastorali Naplitana tas-seklu tmintax, tibqa' l-għanja verament u tipikament Maltija'.[4]

Tagħrif miġbur mis-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.

---

[1] Joseph F. Grima ġej minn Ħal Qormi u jgħallem l-istorja fl-iskejjel tal-gvern. Iħobb jikteb artikli dwar l-istorja marittma (seklu 17), l-istampa f'Malta u l-iżvilupp tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. (Biografiji: Il-Ġojjin nru. 7).
[2] Tagħrif meħud minn 'Drawwiet Maltin tal-Milied' (Il-Ġojjin, Ġabra ta' Kitba bil-Malti nru. 7 ta' Tony C. Cutajar, Falcon Education Books, 1984, p.50).
[3] Ibid.
[4] Ibid.